MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 932/2001/1

**TASIKA AUTO LIMITED**

**vs**

**Jason MIZZI u b'Nota tal-15 ta' Novembru, 2005, l-Avukat Dottor Henry Antoncich assuma l-atti tal-kawża minflok l-istess Jason Mizzi li huwa assenti minn Malta u sakemm idum hekk assenti**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fid-29 ta' Mejju, 2001, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissrin, il-kumpannija attriċi talbet li din il-Qorti li tikkundanna lill-imħarrek iħallasha elf u ħames mitt lira Maltija (Lm 1,500) import ta' tliet kambjali flimkien mal-imgħax legali fuqhom, flimkien ma' somma oħra ta' mitejn u tmienja u għoxrin lira Maltija u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (Lm 228.55) bħala spejjeż li hija ħallset fl-interess tal-imħarrek. Talbet ukoll li l-imħarrek jitqies ħati tal-ispejjeż għal tiswija ta' ħsarat li hija kellha tagħmel

fuq karozza tal-għamla *Mercedes* li l-imħarrek kellu f'idejh u sakemm damet f'idejh. Talbet il-likwidazzjoni tal-imsemmija spejjeż minħabba ħsarat fis-somma ta' elf sitt mija u ħamsin lira Maltija u ħamsa u ħamsin ċenteżmi (Lm 1650.55) u l-kundanna tal-imħarrek biex iħallas dik is-somma likwidata bħala dannu mġarrab minnha. Qegħda titlob ukoll li l-imħarrek jitqies responsabbli li jħallasha somma, li għandha tiġi likwidata, għall-użu li huwa għamel mill-istess karozza għaż-żmien kollu li għamlet f'idejh;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fl-20 ta' Settembru, 2001, li biha l-imħarrek laqa' għall-azzjoni attriċi billi ressaq eċċezzjonijiet ta' natura preliminari proċedurali, fosthom dawk tan-nullita' u l-irritwalita' tal-istess azzjoni, dik tan-nuqqas tas-setgħa ta' din il-Qorti biex tisma' l-kawża, dik tal-ġudikat u wkoll dik tal-preskrizzjoni. Ressaq ukoll eċċezzjonijiet fil-mertu;

Rat is-sentenza preliminari tagħha tas-16 ta' Ottubru, 2003[1], li biha u għar-raġunijiet hemm mifissrin, ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni mqanqla mill-imħarrek (dwar l-irritwalita' tal-azzjoni attriċi skond l-artikolu 907(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta);

Rat is-sentenza preliminari tagħha tal-31 ta' Mejju, 2005[2], li biha u għar-raġunijiet hemm imfissrin, ċaħdet it-tieni eċċezzjoni mqanqla mill-imħarrek (dwar in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti biex tisma' l-kawża minħabba l-*privilegium fori*, għall-finijiet tal-artikolu 741(ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta);

Rat in-Nota mressqa mill-avukat Dottor Henry Antoncich waqt is-smigħ tal-15 ta' Novembru, 2005[3], li biha huwa assuma l-atti tal-kawża f'isem l-imħarrek sakemm dan idum nieqes minn Malta;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-15 ta' Novembru, 2005, li fih, fost l-oħrajn, ġie stabilit l-ordni tat-tmexxija 'l quddiem tal-

[1] Paġġ. 71 sa 82 tal-proċess
[2] Paġġ. 109 sa 119 tal-proċess
[3] Paġ. 121 tal-proċess

kawża bit-trattazzjoni tat-tielet eċċezzjoni tal-imħarrek qabel kull ħaġa oħra;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrek *nomine* waqt is-smigħ tal-1 ta' Frar, 2006[4], dwar l-imsemmija eċċezzjoni tal-ġudikat;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija attriċi fit-13 ta' Marzu, 2006[5], bi tweġiba għal dik tal-imħarrek *nomine*;

Reġgħet rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-Degriet tagħha tal-4 ta' April, 2006, li bih ħalliet il-kawża għad-deċiżjoni dwar it-tielet eċċezzjoni;

***Ikkunsidrat:***

Illi l-kumpannija attriċi qegħda tfittex lill-imħarrek Jason Mizzi biex iħallasha għadd ta' somom ta' flus li hija tgħid li għandu jagħtiha dwar vettura lilu minnha mibjugħa għal matul iż-żmien li din damet f'idejh, sa ma reġgħet ittieħdet mill-kumpannija attriċi, u wkoll li jiġi meqjus responsabbli għall-ħsarat li seħħew fuq l-imsemmija vettura u li jħallasha d-danni li ġarrbet minħabba f'hekk;

Illi għal din l-azzjoni l-imħarrek laqa', fost l-oħrajn, b'għadd ta' eċċezzjonijiet ta' natura preliminari, fosthom dik li l-każ imressaq f'din il-kawża jirrigwarda kwestjoni li dwaru teżisti sentenza li tikkostitwixxi ġudikat bejn l-istess partijiet;

Illi hija dwar din l-eċċezzjoni li qegħda tingħata din is-sentenza;

Illi <u>l-fatti rilevanti li jirrigwardaw l-eċċezzjoni taħt eżami</u> juru li, fl-1998, l-imħarrek kien fetaħ kawża kontra l-kumpannija attriċi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) biex jiġi dikjarat maħlul ftehim ta' bejgħ/tpartit ta' karozza li kien

[4] Paġġ. 125-8 tal-proċess
[5] Paġġ. 130-5 tal-proċess

sar bejn il-partijiet f'Lulju tal-1994, u biex il-kumpannija trodd lura l-flus minnu minfuqin fil-ħlasijiet akkont tal-prezz u fl-ispejjeż għat-titjib li sar fil-karozza. Min-naħa tagħha, il-kumpannija attriċi fetħet kawża kontra l-imħarrek f'dik il-Qorti fil-11 t'April, 2000[6], għat-tħassir tal-imsemmi ftehim, u dan minħabba nuqqas ta' twettiq tar-rabtiet u l-obbligi miftehma min-naħa tal-istess imħarrek. Il-kawża mibdija fl-1998 inqatgħet favur l-imħarrek tal-lum fis-27 ta' Marzu, 2001[7]. Minnha ma sarx appell. Fit-28 ta' Mejju, 2001, l-kumpannija attriċi ċediet, b'Nota mressqa fir-Reġistru, il-kawża li bdiet f'Għawdex kontra l-imħarrek u l-għada infetħet il-kawża preżenti, li tqegħdet għas-smigħ għad-9 t'Ottubru, 2001. Il-Qorti t'Għawdex waqfet milli tisma' iżjed il-kawża waqt is-smigħ tat-8 ta' Ġunju, 2001, wara li nqrat in-Nota ta' Ċessjoni. L-imħarrek laqa' kopja tal-atti u tal-Avviż tas-Smigħ ta' din il-kawża fit-2 ta' Settembru, 2001[8];

Illi bħala <u>konsiderazzjonijiet ta' dritt marbutin mal-eċċezzjoni taħt eżami</u>, jibda biex jingħad li llum il-ġurnata hemm qbil ġenerali kemm fid-dottrina u kif ukoll fis-sentenzi tal-Qrati dwar x'inhuwa meħtieġ biex l-eċċezzjoni tal-ġudikat tista' tintlaqa'. Tlieta huma l-elementi li jmisshom jiġu murija minn min iqanqal l-eċċezzjoni biex din isseħħ. Dawn l-elementi huma l-istess oġġett (*eadem res*), l-istess partijiet (*eadem personae*) u l-istess mertu (*eadem causa petendi*). Huwa siewi li wieħed iżomm quddiem għajnejh ukoll il-massima li biex dik l-eċċezzjoni tirnexxi jeħtieġ li t-tliet elementi jkunu jikkonkorru għax, fin-nuqqas, ma jistax jingħad li l-ħaġa hija l-istess (*nisi omnia concurrunt, alia res est*);

Illi l-eċċezzjoni tal-ġudikat tissemma fl-artikolu 730 tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili bħala waħda li dwarha għandha tingħata deċiżjoni b'kap għaliha, ukoll jekk tinqata' flimkien mal-mertu fid-deċiżjoni aħħarija;

Illi, kif ingħad f'għadd ta' deċiżjonijiet, l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha bħala sisien tagħha l-interess pubbliku u hija maħsuba biex tħares iċ-ċertezza tal-jeddijiet li jkunu

---

[6] Ċitazz. Nru. 66/00PC, Dok "JM1", f'paġġ. 32-4 tal-proċess

[7] Ċitazz. Nru. 241/98TMT, Dok "JM5" f'paġġ. 38 sa 42 tal-proċess (il-Qorti tinnota li jidher li l-kopja fiha parti nieqsa)

[8] Ara r-riferti f'paġġ. 26 *tergo* u 27 tal-proċess

ġew definiti f'sentenza[9], li tbiegħed il-possibilita' ta' deċiżjonijiet li jmorru kontra xulxin u li ttemm il-possibilita' ta' kwestjonijiet li jibqgħu miftuħa bi ħsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza illi tkun ingħatat[10];

Illi minħabba fil-fatt li dik l-eċċezzjoni timmira li twaqqaf azzjoni li jkun altrimenti jistħoqqilha tiġi meqjusa minn qorti, l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha tkun ta' interpretazzjoni dejqa, tant li, f'każ ta' dubju, l-ġudikant għandu jaqta' kontra dik l-eċċezzjoni[11];

Illi, min-naħa l-oħra, dan il-prinċipju huwa mwieżen b'dak l-ieħor daqstant għaqli li, fejn kwestjoni tkun ġiet definita u trattata, s-sentenza ssir irrevokabbli jekk, wara li tiġi appellata jew ritrattata, tiġi konfermata; jew, jekk ma tiġix appellata jew ritrattata fiż-żmien li tippreskrivi l-liġi, ma ssir l-ebda proċedura oħra li tattakka lil dik is-sentenza.[12] Dan il-prinċipju jissaħħaħ meta l-kwestjoni li dwarha tinfetaħ it-tieni kawża jkun diġa' jeżisti fil-waqt li tingħata s-sentenza fl-ewwel kawża[13];

Illi fil-kawża preżenti, il-kumpannija attriċi ma tiċħadx il-fatt li bejnha u l-imħarrek kien hemm kawża li dwarha ngħatat sentenza, u li dik is-sentenza ma ġietx attakkata u lanqas appellata. Tgħid madankollu li dak li stabiliet l-imsemmija sentenza huwa 'l bogħod minn dak li qiegħed jintalab f'din il-kawża. Min-naħa tiegħu, l-imħarrek jgħid li t-talbiet kollha tal-kumpannija attriċi f'din il-kawża jiddependu mill-ftehim li kellu jsir bejnu u l-kumpannija attriċi, liema ftehim twaqqa' minn kull effett fl-imsemmija sentenza;

Illi ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni bejn il-partijiet dwar <u>l-element tal-identita' tal-persuni</u>, li huwa huwa wkoll fondamentali u ta' siwi għall-eċċezzjoni daqs iż-żewġ elementi l-oħrajn. In-nuqqas tiegħu huwa biżżejjed biex

[9] App. Kumm. **5.10.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Herrera noe vs Cassar noe et*** (Kollez. Vol: **LXXVI.ii.489**)
[10] App. Ċiv. **28.6.1973** fil-kawża fl-ismijiet ***Caterina Ġerada et vs Avukat Antonio Caruana*** (mhix pubblikata)
[11] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **5.10.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***J. Camilleri vs L. Mallia*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.305**), u s-sentenzi hemm imsemmija
[12] Ara P.A. **11.3.1949** fil-kawża fl-ismijiet ***Cassar Parnis vs Soler*** (Kollez. Vol: **XXXIII.ii.344**);
[13] P.A. GV **27.6.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***A.P. Farruġia noe vs T. Borġ Reveille et*** (Mhix pubblikata)

jeskludi l-ġudikat għaliex min ma kienx preżenti fil-ġudizzju, u lanqas kien fih rappresentat leġittimament, ma jistax jitqies marbut b'sentenza mogħtija u li għaddiet in ġudikat, ukoll jekk l-eżitu ta' dik is-sentenza ikun jiffavorih[14];

Illi għalhekk jirriżulta li dan l-element tal-eċċezzjoni tal-ġudikat huwa soddisfatt;

Illi <u>għal dak li jirrigwarda l-element tal-identita' tal-ħaġa</u> huwa mfisser li dan l-element jirreferi għall-oġġett li jifforma t-talba, jiġifieri jirreferi għall-punt involut fil-kontroversja bejn il-partijiet. Huwa stabilit li mhux meħtieġ li jkun hemm l-identita' assoluta bejn it-talba li tifforma l-mertu tas-sentenza li saret ġudikat u t-talba fit-tieni kawża, għaliex hu meqjus biżżejjed li jkun hemm xebh f'tali punt kontrovers[15];

Illi minn dak li joħroġ minn qari tal-Att taċ-Ċitazzjoni, l-mira maħsuba fit-talbiet attriċi bl-ebda mod ma terġa' tqajjem il-kwestjoni maqtugħa fis-sentenza li għaddiet f'ġudikat, jiġifieri s-siwi tal-ftehim ta' tpartit u bejgħ tal-vettura. Tali talbiet kienu jistgħu jitqajmu wkoll kieku qatt ma kien sar ftehim bħal dak li ġie mħassar bis-sentenza, imma xi sura oħra ta' ftehim jew arranġament. Fil-parametri tal-eżami li l-Qorti hija mħollija tagħmel waqt li qegħda tqis l-eċċezzjoni tal-ġudikat, jidher sewwa mad-daqqa t'għajn mill-atti tal-kawża li l-mertu tal-azzjoni attriċi llum jintrabat maż-żamma li l-imħarrek kellu għal xi żmien tal-karozza li għaliha bosta mit-talbiet tal-azzjoni attriċi jirreferu, u tali żamma (u l-effetti li ġabet magħha) ma kinitx tiddependi bilfors mill-ftehim li twaqqa' bis-sentenza li saret ġudikat;

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li dan l-element tal-eċċezzjoni taħt eżami ma jirriżultax;

Illi l-istess jista' jingħad dwar <u>l-element tal-identita' tat-talba</u> attriċi preżenti mal-mertu tal-kawza maqtugħa mill-

---

[14] App. Ċiv **11.4.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Grixti vs Schembri*** (Kollez. Vol: **XLII.i.198**); u App. Ċiv. **5.2.1968** fil-kawża fl-ismijiet ***Giuseppe Degabriele vs Frank Gulia et*** (Mhix pubblikata)

[15] P.A. **28.2.1946** fil-kawża fl-ismijiet ***Abela vs Fenech*** (Kollez. Vol: **XXXII.ii.243**) u App. Ċiv. **15.2.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Tabone vs Mifsud et*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.i.51**)

Qorti tal-Maġistrati ta' Għawdex fis-27 ta' Marzu tal-2001. Ġeneralment, b'dan l-element wieħed jifhem u jirreferi għat-titolu jew kawżali li fuqhom jinbnew it-talbiet tal-kawża. Dwar dan il-punt inqalgħu għadd ta' diffikultajiet matul iż-żmien dwar it-tifsira xierqa li jmissha tingħata lill-frażi l-"istess kawżali" (*eadem causa petendi*), l-iżjed dwar kemm għandha titwessa' t-tifsira tal-identita' bejn dak li jkun ġie deċiż u dak li jkun qiegħed jintalab fit-tieni kawża. Huwa tassew ovvju li l-eċċezzjoni tal-ġudikat tintrabat ma' l-eżistenza ta' sentenza; il-kwestjoni hija jekk tintrabatx biss mal-parti dispożittiva tagħha (fil-kliem strettament użati mill-ġudikant fl-ewwel sentenza) jew inkella jekk tintrabatx ukoll mal-konsiderazzjonijiet jew motivazzjonijiet li jintagħmlu u li jwasslu għal dik is-sentenza;

Illi l-Qorti tosserva li ġie wkoll għadd ta' drabi mfisser li l-ġudikat isir japplika mhux biss dwar dak li jkun ġie espressament dibattut fil-kawża li s-sentenza tagħha titqiegħed bħala l-bażi tal-eċċezzjoni tal-ġudikat, imma japplika wkoll dwar dak li messu jew seta' ġie diskuss u ma jkunx ġie diskuss mill-parti li kellha interess li tiddiskutih. Il-bidla jew differenza fil-mottivi tal-*causa petendi* fit-tieni proċediment ma jġibx fix-xejn il-ġudikat[16];

Illi din il-Qorti fittxet l-għejjun ta' dritt li minnhom ħarġet u xxettlet id-duttrina tal-ġudikat f'dan ir-rigward, b'mod partikolari dak li jgħallmu l-awturi Aubry, Rau u Laurent. M'huwiex għalxejn li l-liġi tipprovdi[17] li s-sentenza għandha tkun motivata u li jingħataw ir-raġunijiet li fuqhom il-Qorti tkun sejset id-deċiżjoni tagħha. Huwa minħabba dawk ir-raġunijiet li wieħed jista' jifhem x'ikun wassal lill-Qorti taqta' l-kawża kif fil-fatt qatgħetha. Kien għalhekk li jingħad li d-dispożittiv ta' sentenza m'għandux jittieħed separatament mill-motivat, imma ghandu jiġi minn dan definit u spjegat[18];

---

[16] Ara P.A. FGC **4.6.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Cole Foods Limited vs Accent Clear Traders Company Limited*** (mhix pubblikata) u l-għadd ta' sentenzi hemm imsemmija

[17] Art. 218 tal-Kap 12;

[18] Ara App. Ċiv. **25.4.1938** fil-kawża fl-ismijiet ***Sciberras Trigona vs Sammut et*** (Kollez. Vol: **XXX.i.131**); App. Ċiv. **31.3.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Farruġia*** (Kollez. Vol: **XXXVI.i.76**) u App. Ċiv. **12.5.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Testaferrata Boniċi utrinque*** (Kollez. Vol: **XLII.i.287**)

Illi dan it-tagħlim ġie mfisser u mtenni wkoll b'mod ċar ħafna fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-**26 ta' Mejju, 1967** fil-kawża fl-ismijiet *Grima vs Fava et*[19] li għaliha u r-rassenja ta' ġurisprudenza msemmijin fiha ssir riferenza;

Illi, fil-qosor jingħad li, jekk bejn it-talbiet tat-tieni kawża u dak li ġie deċiż fl-ewwel kawża jkun hemm kontradizzjoni u impossibilita' ta' ko-eżistenza, allura jirrikorri r-rekwiżit tal-identita' tal-oġġett[20] li jikkostitwixxi dan l-element kostitutiv tal-eċċezzjoni tal-ġudikat;

Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-bażi ġuridika tal-azzjoni attriċi li llum għandha quddiemha ma tintrabat bl-ebda mod mas-siwi tal-ftehim ta' bejn il-partijiet u li twaqqa' bis-sentenza li saret ġudikat. Huwa minnu li l-ftehim jissemma f'xi premessi tal-Att taċ-Ċitazzjoni, imma iżjed bħala kuntest li jfisser il-kawżali l-oħrajn u t-talbiet li joħorġu minnhom. Ukoll kieku kellhom jintlaqgħu it-talbiet kollha tal-kumpannija attriċi, ma jistax jitwaqqa' dak li ġie deċiż fil-qofol tas-sentenza li llum saret ġudikat – jiġifieri li l-ftehim li kien sar bejn il-partijiet ma kienx jgħodd;

Illi għalhekk ukoll, it-tielet element meħtieġ biex isejjes l-eċċezzjoni ntwera li ma jirriżultax;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-tielet eċċezzjoni** tal-imħarrek Jason Mizzi, bl-ispejjeż kontrih, billi mhix mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt; u

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jitkompla.

**Moqrija**

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[19] Kollez. Vol: **LI.i.325**
[20] Ara App. ***J. Camilleri vs L. Mallia*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.305**) fuq imsemmija.